**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

indirizz: santavenera.lc@gov.mt

Sit elettroniku: http://www.stvenera.lc.gov.mt

# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

# PJAN TA' ĦIDMA 2013 – 2017

## 1.0. Kumitat tal-Finanzi

**1.1.** Ifassal l-estimi ta' dħul u ħruġ għas-sena finanzjarja li tkun ġejja biex dawn ikunu diskussi fil-laqgħa tal-lokalita'.

**1.2.** Fit-tfassil ta' l-estimi ta' dħul u ħruġ jimxi skond l-impenji, il-proġetti u l-prijoritajiet tal-Kunsill.

**1.3.** Jassigura li l-flus jintefqu b'mod xieraq kif stabbilit fil-liġi.

**1.4.** Jivverifika fejn meħtieġ il-kotba tal-Kunsill biex jassigura li dan jaħdem b'ekonomija, effiċjenza u effettivita'

**1.5.** Kull tlett xhur għandu jiġi pprezentat rendikont finanzjarju, li wara jirrevedi r-rizultati miksuba għandhom jiġu mqabbla mal-pjan u l-estimi dikjarati tal-Kunsill.

**1.6.** Jeżamina r-rapport ta' l-awditur tal-Gvern Lokali u, jekk ikun il-każ, jirrakkomanda lill-Kunsill il-passi li għandu jieħu filwaqt li l-Accountant għandu jipprepara r-risposta għall-*Management Letter.*

**1.7.** Il-Kunsill minn żmien għal żmien għandu joħroġ sejħa għal offerti jew għal kwotazzjonijiet meta jkun jeħtieġ xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

## 2.0. Kumitat tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni

**2.1.** Ifassal dawk l-offerti li jrid joħroġ il-Kunsill u, wara li dawn ikunu approvati, jassigura li jiġu ppubblikati u li t-tali pubblikazzjoni tkun tinkludi deskrizzjoni fil-qosor tax-xogħol mitlub, il-post u l-ħin meta l-pubbliku jista' jara l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta, il-perjodu meta x-xogħol irid isir, dikjarazzjoni li min hu interessat jista' jiġbor kopja bi ħlas ta' l- ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerti u d-data u l-post meta jinfetħu l-offerti fil-pubbliku.

**2.2.** Jiddiskuti l-offerti miftuħa u jirrakkomanda lill-Kunsill l-għażla li jrid jagħmel.

**2.3.** Meta l-Kumitat tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni jkun qed jikkonsidra proposti ta' kuntratt jew kwotazzjonijiet jew materja oħra, jekk membru jkollu interess finanzjarju u mhuwiex, jew interess pekunarju, dan għandu l-obbligu li jiddikjara l-interess tiegħu u ma jieħux sehem fid-diskussjoni u fil-votazzjoni.

**2.4.** Il-Kumitat tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għandu l-fakulta li jekk l-offerti tat-tenders mitfugħa / kwotazzjonijiet ma jkunux daqstant ċari, permezz tas-Segretarju jew Aġent Segretarju Eżekuttiv, għandu jitlob sabiex jiltaqa' mal-offerent għal aktar kjarifika.

**3.0. Kumitat tal-Bord tal-Għażla**

**3.1.** Il-Kumitat tal-Bord tal-Għażla b'mod separat mill-funzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għandu l-fakulta li jgħarbel l-applikazzjonijiet li jidħlu f'dak li jkun qed jirrigwarda xi applikazzjonijiet ta' vakanzi f'dak li jirrigwarda Riżorsi Umani.

**3.2.** Membri mill-Kumitat tal-Bord tal-Għażla għandhom l-obbligu li ma jieħdux sehem fid-diskussjoni u wisq anqas fir-rakkomandazzjoni jekk kemm il-darba jkun hemm interess pekunarju.

**3.3.** Huwa l-kompitu ta' dan il-Bord li jagħmel ix-shorlisting neċessarju u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill fuq dak li jkun evalwa.

**4.0. Sotto Kumitat għall-Fondi Unjoni Ewropeja, Ġemellaġġi, Żgħażagħ u Saħħa**

**4.1. Żgħażagħ**

**4.1.1.** Ninvolvu lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet kollha tal-kunsill, b'mod partikolari fejn ikunu ikkonċernati ż-żgħażagħ.

**4.1.2.** Isiru diskussjonijiet biex il-Kunsill japplika għal programm ta' skambju għaż-żgħażagħ. Ċertament dan jiddependi mill-aċċessibilta' tal-programm mill-Unjoni Ewropea.

**4.1.3.** Permezz tal-Aġenzija Żgħażagħ, jitwaqqaf il-Kunsill taż-Żgħażagħ li se jkun qed jiddiskuti temi relatati maż-żgħażagħ u jieħu ukoll inizzjattivi fuq proġetti kapitali.

**4.1.4.** Nemmnu li jrid isir użu aħjar mill-Youth HUB li nzerta qiegħed ftit passi bogħod mill-Uffiċini tal-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan huwa mperattiv li jibdew xi forma ta' diskussjonijiet ma' Aġenzija Żgħażagħ u anke mal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

**4.2 Saħħa**

**4.2.1.** Kull sena ser tibqa tingħata t-tilqima tal-influwenza b'xejn.

**4.2.2.** Hemm il-ħsieb ukoll li jiġu organizzatti attivitajiet relatati mas-saħħa bħal Health Fest.

**4.2.3.** Minn żmien għall-ieħor jiġu organizzati kampanji ta' għarfien dwar aspetti differenti tas-saħħa.

**4.2.4.** B'ko-ordinament mad-Dipartiment tas-Saħħa, għandna naraw li l-Berġa tkun mgħammra b'dak kollu li hu neċessarju, iktar u iktar jekk eventwalment jiġu devoluti.

## 4.3. Fondi Ewropej

**4.3.1.** Is-sotto kumitat jrid ikun infurmat dwar id-diversi fondi li toffri l-Unjoni Ewropeja u jinforma lill-Kunsill dwar l-istess fondi li nkunu nistgħu eventwalment nitteppjaw.

**4.3.2.** Flimkien mal-Bord tal-Għażla, tinħareġ sejħa ta' interess li b'permezz tagħha jrid isir proċess għal eventwalita li jintgħażel EU Fund Manager li jkun l-persuna li jmexxi proġetti speċifiċi li minnu tkun tista tibbenifika minnu l-lokalita.

**4.3.3.** Se nkunu qed nibdew diskussjonijiet mal-Malta-EU Steering and Action Committee (MEUSAC) li wkoll jagħtu pariri tekniċi dwar dawn il-fondi.

**4.3.4.** Issir ħidma kollettiva sabiex jiġu ntensifikati l-kuntatti ma organizzjonijiet Ewropej

**4.3.5.** Għandhom isiru laqgħat edukattivi mar-residenti dwar l-aspetti pożittivi tal-Unjoni Ewropeja

## 4.4. Ġemellaġġi

**4.4.1.** Issir riċerka sabiex jiġu identifikati irħula fi bliet Ewropej li għandhom l-istess karateristiċi bħal ta' Santa Venera.

**4.4.2.** Issir analiżi fuq l-informazzjoni mibgħutha mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

**4.4.3.** Isir użu mill-ġemelaġġ eżistenti li għandna mal-lokalita ta' San Lawrenz t'Għawdex billi jiġu skambjati studenti tal-iskejjel speċjalment fix-xhur tas-Sajf

**4.4.4.** Jieħu ħsieb li jiġi stampat materjal ta promozzjoni dwar il-lokal ta' Santa Venera u dan sabiex jgħati l-bidu tiegħu għal dawk il-bliet jew irħula Ewropej li jkunu nteressati li jilħqu xi forma ta ftehim magħna. Dan l-

istess fuljett għandu jiġi stampat f'erbgħa lingwi differenti (Ingliż, Taljan, Ġermaniż u Franċiż)

**5.0 Sotto Kumitat għall-Ambjent, Ġonna, Kultura u Wirt Storiku**

**5.1. Ambjent u Ġonna**

**5.1.1.** Iżomm fi stat tajjeb il-ġonna, l-playgrounds u s-soft areas b'manutenzjoni u bi tħawwil regolari ta' xtieli u fjuri li jsebbħuhom

**5.1.2.** Jaħdem id f'id mal-Gvern Ċentrali sabiex jibqgħu jiġu ndukrati dawk is-soft areas u roundabouts li jaqgħu taħt ir-responsabbilta tiegħu

**5.1.3.** Isiru laqgħat ta' informazzjoni għar-residenti bil-possibilta li jitqassam materjal informattiv dwar is-separazzjoni tal-iskart u l-importanza tiegħu.

**5.1.4.** Isir aktar użu mill-Eko Wardens (Green Wardens) u dan sabiex jinqata l-abbuż minn min ma josservax il-liġi fosthom kontra dawk is-sidien li joħorġu l-klieb tagħhom iħammġu barra u lil dawk li joħorġu l-iskart ferm qabel il-ħin tal-ġbir.

**5.1.5.** Jipprovdi skips f'postijiet li ma jdejjqux lir-residenti

**5.1.6.** Jipproponi aktar siti sabiex jiżdiedu l-Bring In Sites

**5.1.7.** Jara li l-Bring In Sites ikunu mbattla b'mod regolari u jinżammu ndaf.

**5.1.8.** Jara li jissaħħaħ is-servizz tal-Ġbir tal-iskart Goff

**5.1.9.** Fejn ikun possibbli jiżdiedu l-bins.

**5.1.10.** Jassigura ukoll li l-ġonna u l-latrina pubblika jinfetħu u jintgħalqu fil-ħinijiet stipulati.

Jiġu ddentifikati ukoll xi postijiet fejn jistgħu jitħawwlu aktar siġar.

**5.1.11.** Issir kompetizzjoni minn fost ir-residenti ta' min iżomm l-isbaħ faċċatta bil-possibilta ta' tiżjin ta' pjanti dekorattivi.

**5.1.12.** Bejn Settembru u Novembru ta' kull sena, tiġi organizzata attivita fil-forma ta' Clean up the World fejn jiġi identifikat sit u jitnaddaf minn kull aspett.

**5.1.13.**

**Wirt Storiku u Kultura**

Jinġabar inventarju ta' niċeċ kollha li hawn madwar il-lokalita u ssir pressjoni fuq Heritage Malta sabiex jiġu restawrati.

5.2.

Jiġi konservat dak il-wirt li huwa storiku u ta' nteress Nazzjonali u ssir il-
5.2.1. pressjoni neċessarja fuq l-awtoritajiet Ċentrali sabiex uħud minnhom jiġu
ukoll skedati.

5.2.2. B'konsultazzjoni mal-Ministeru tat-Turiżmu, issir mappa tal-lokalita li permezz tagħha turi l-postijiet storiċi.

Issir Trail tal-postijiet storiċi simili bħal ma hemm fil-Birgu bil-possibilta li
5.2.3. ssir plakka kommerattiva għalihom.

Jiġu organizzati serati muzikali / artistici sabiex nesponu it-Talent
5.2.4. Vendriż.

Jiġu organizzati ħarġiet fil-lokal

5.2.5.

Issir ukoll Treasure Hunt fil-lokalita' b'tema tal-istorja.

5.2.6.

5.2.7. **Sotto Kumitat għas-Self Employed, Negozji, Intrapriżi Żgħar, in-Nisa u s-sehem tagħhom fil-Komunita' u Bye Laws.**

6.0. **Self-Employed, Negozji u Intrapriżi Żgħar**

Jiġu identifikati l-imprendituri kollha tal-lokal biex eventwalment
6.1. jintbgħat kwestjonarju li jkun jirrigwarda l-lokalita vis a vie n-negozju
tagħhom.

6.1.1.

Bi ftehim man-negozji isir pjan għal possibilta li għal festi ta' żmien il-Milied, Triq il-Kbira San Ġużepp tkun mixgħula.

6.1.2.

Isejjaħ lill-imprendituri u lis-sidien tan-negozji ż-żgħar tal-lokal, permezz ta' laqgħa informali u dan sabiex jisma l-problemi li qed jiltaqgħu
6.1.3. magħhom.

Bl-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Awtorita tat-Trasport ta' Malta u b'konsultazzjoni mar-residenti, jiġi deċiż fejn l-aħjar li jsiru 'Loading /
6.1.4. Unloading' bays u dan sabiex jiffaċilita d-'Day to Day running' tan-

negozju

6.1.5. Possibilment li bir-riklami li jinġabru mill-istess imprendituri, jiġi pprintjajt ktejjeb bl-informazzjoni kollha fuq in-negozji rispettivi tagħhom

6.1.6. Tiġi mnedija skema li kull min ikun residenti f'Santa Venera jingħata forma ta skont jekk jixtri xi forma ta prodotti minn negozju li jkun ukoll fil-lokal.

6.1.7 Possibilta ukoll li jinħarġu leaflets edukattivi li permezz tagħhom jafu jħajjru żgħażagħ sabiex jidħlu fid-dinja tan-negozju.

**6.2 In-nisa u s-sehem tagħhom fil-komunita'**

6.2.1. In-nisa għandhom ikunu ukoll parteċipi fid-diversi deċiżjonijiet li jittieħdu u b'dan il-ħsieb f'moħħna, il-Kunsill huwa mpenjat sabiex joħloq xi forma ta' diskussjonijiet għal dawk in-nisa / tfajliet fuq suġġetti bħal *management* u fuq kif *leadership skills*.

6.2.2. Bil-kollaborazzjoni mas-Sotto Kumitat tas-Saħħa, għandhom isiru taħdidiet fuq il-Kanċer tas-Sider li sfortunatament qed iħalli diversi vittmi.

**6.3. Bye Laws**

6.3.1. Għandu jissuġġerixxi dawk il-bye laws li permezz tagħhom jiġu regolazzati diversi materji ta' interess komuni li jaffetwaw il-komunita'.

**7.0. Sotto Kumitat għal Ordni Pubbliku, Traffiku u Sigurta taċ-Ċittadin.**

7.1. Għandu jikkonsulta regolari mal-pulizija b'permezz ta' laqgħat fejn għandhom jiġu diskussi diversi materji fosthom fejn jistgħu jiġu nfurzati l-liġijiet u jiddentifika dawk l-akwati fejn isiru reati kriminali (magħrufa aħjar bħala "hot spot areas") sabiex jiġu aktar ssorveljati permezz ta' patrols regolari.

7.2. Għandna neżerċitaw pressjoni sabiex l-Għassa tal-Lokal tingħata l-importanza li jistħoqqilha u sabiex ir-residenti jkollhom aktar rashom mistrieħa.

7.3. Il-Kunsill għandu jkompli jeduka lill-istudenti permezz ta' tagħrif informattiv bil-possibilta li tiġi organizzata Traffic awareness Campaign fl-iskejjel.

7.4. Il-Kunsill għandu jassigura li fil-lokalita jitħarsu l-liġijiet u r-regolamenti tat-Traffiku, b'permezz ta' aktar patrols minn naħa tal-pulizija. Għandu jassigura ukoll li t-traffiku jkun ikkontrollat u maniġġabli. Għandu jimxi mat-*Traffic Management Report* li għandu jilħaq l-aspettativi tal-lokal u permezz ta' konsultazzjoni mal-periti, l-kunsill għandu jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu għal possibiltajiet fejn jista jsir lok għal aktar titjib.

7.5. Il-kunsill ikompli jilqa suġġerimenti għal kif jista jipprovdi aktar tħaris lil tfal / studenti tal-iskejjel speċjalment fid-dħul u l-ħruġ tagħhom. Jeħtieġ li tintstab soluzzjoni għar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Kanun ma Triq il-Palazz l-Aħmar u fi Trejqa ta' Fleur de Lys, Triq l-Istampaturi, Triq il-Mastrudaxxi u Triq il-Ħajjata.

7.6. Il-Kunsill għandu jibdel u jirranġa t-tabelli u sinjali tat-traffiku skond l-esiġenzi. Iż-żebgħa tal-art għandha tkun viżibbli tul s-sena kollha.

7.7. Il-Kunsill għandu jara li madwar il-lokalita' ma jitħallewx *derelict cars* li jħallu mpatt negattiv fuq l-ambjent apparti li jkunu qed jieħdu spazju ta' karozzi oħra.

7.8. Il-kunsill bl-għajnuna tal-pulizija għandu jwaqqaf il-'Victim Support Group', li jkun kompost minn saċerdot, tabib, social worker u maintenance man li b'permezz tagħhom ikunu minn ta' quddiem biex jgħinu lil nies li ikunu kif għadhom kif sfaw aggrediti. B'permezz ta' dan il-grupp, il-persuni milquta jkollhom appoġġ morali.

## 8.0. Sotto Kumitat għal Familja, Anzjani, Qasam Soċjali, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u Sports.

### 8.1. Familja, Anzjani, Qasam Soċjali u Persuni bi Bżonnijiet Speċjali

**8.1.1.**

Kull l-Ewwel Ħadd t'Ottubru għandha tiġi organizzata quddiesa dedikata għall-anzjani propju għal Jum l-Anzjani. Għandha ssir quddiesa simili għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

**8.1.2.**

Isir forma ta' ċensiment madwar il-lokalita sabiex tinġabar xi forma ta' informazzjoni fuq l-anzjani, persuni bi bżonnijiet speċjali u oħrajn li għandhom problemi soċjali.

**8.1.3.**

Bil-kollaborazzjoni tas-Sotto Kumitat tal-Kultura, jiġu organizzati diversi ħarġiet kulturali bil-possibilta li jinġiebu Fondi tal-UE.

8.1.4. Jiġu organizzati laqgħat ta' informazzjoni li jindirizzaw id-diversi problemi soċjali li jeżistu fosthom fuq il-problemi li jikkawża l-alkoħol.

8.1.5. Inħajjru studenti sabiex jgħinu l-anzjani billi jaddottaw anzjan.

8.1.6. Nisfruttaw aktar is-servizzi li jipprovdi d-Department għall-Anzjani u Servizzi fil-komunita' u dan sabiex inkunu ta' aktar għajnuna għal anzjani tagħna.

8.1.7. B'konsultazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, jiġu offruti korsijiet ta' tagħlim għal dawk il-familji li ma jaffordjawx jibgħatu l'uliedhom il-privatijiet.

8.1.8. Il-Kunsill irid jara li l-bankini li jinbnew ikunu aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

8.1.9. Jiġu organizzati korsijiet tal-Parental skills

8.1.10. Isir ko-ordinament, possibilment ma ta' Kana jew mal-Grupp Familji Nsara għal korsijiet li jgħinu fit-tfassil ta' familja u eventwalment jiġu organizzati ukoll laqgħat simili għal dawk li jkunu fl-ewwel snin fil-ħajja miżżewwġa.

8.1.11. Jiġu organizzati ukoll laqgħat fuq l-effetti li tħalli l-vizzju tad-droga u l-vizzju tal-logħob.

8.1.12. Jiġu organizzati attivitajiet għal Jum l-Omm u għal Jum il-Missier

8.1.13. Għandu jippromovi u jgħati ukoll l-appoġġ meħtieġ għat-tnissil tal-ħajja fil-ġuf tal-omm u jipprovdi ukoll informazzjoni fuq l-abort u fuq il-problemi li jġib miegħu.

8.1.14. Jorganizza ukoll żjarat lill-anzjani fi djarhom u anke fl-isptarijiet.

8.2. **Sports**

8.2.1 Jiġu idetifikati l-għaqdiet kollha sportivi li jeżistu ġewwa Santa Venera, kif ukoll persuni li jixtiequ jippromovu l-isports li huma jipprattikaw bħal per eżempju table tennis, tabble football u darts.

Jiġu identifikati postijiet fejn it-tfal ikunu jistaw jippratikaw xi sports bħal per eżempju xi gym ta' xi skola partikolari.

**8.2.2.** Darba fis-sena, issir Sports day /Sports Promotion day għat-tfal bil-parteċipazzjoni ta' kull għaqda sportiva bil-possibilta li ssir konġunta mal-iskejjel.

**8.2.3.** Jiġu organizzati diversi kompetizzjonijiet bejn l-Għaqdiet fost l-oħrajn Darts, Billiards, Snooker u Boċċi.

**8.2.4.** Jipprova irawwem interess fiż-żgħażagħ għal logħba tal-Boċċi bil-possibilta li tiġi ffurmata Nursery b'konsultazzjoni mal-Klabb tal-Boċċi.

**8.2.5.** Nesploraw il-possibilta li tiġi żviluppata art sabiex tintuża bħala Outdoor Gym.

**8.2.6.** Għandna nisfruttaw billi napplikaw għal programmi maħruġa mill-Kummissjoni Malti tal-iSports bil-possibilta ukoll li nittepjaw xi fondi Sportivi mill-Unjoni Ewropeja.

**8.2.7.** Nippromovu lezzjonijiet ta' Zumba, ta' Fitness u tal-Aerobics.

**8.2.8.** Jiġu organizzati turnaments tal-football meta eventwalment jitlesta l-grawnd.

**8.2.9.** Jiġu organizzati xi forma ta' Fun Runs bl-għajnuna tal-isponsors.

**8.2.10.** **Sotto Kumitat għat-Trasport, Konsumatur u Drittijiet u Ħarsien tal-Annimali**

**Trasport**

**9.0.**

**9.1.** Dan is-Sotto kumitat irid jaħseb u jaħdem kif ir-residenti Vendrizi jistgħu jagħmlu użu aktar u aħjar mis-servizz ta' Trasport Pubbliku. Dan is-servizz għandu jkun milħuq mill-inħawi kollha tal-Lokal speċjalment mill-pereferiji.

**9.1.1.** Għandu jara li s-servizz mgħoti hu suffiċjenti u li r-rotot atwali li hemm bħalissa qed iservu lill-istess residenti. Jekk le għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru dwar dan sabiex tinstab xi forma ta' soluzzjoni.

**9.1.2.** Ir-rotot għandhom jinkludu r-rotot antiki li jinkludu rotot diretti għal isptar Mater Dei u għandhom ikunu puntwali u frekwenti.

9.1.3. Għandu jiġi rranġat l-awdjo f'ta' kull bus stop li tieqaf bil-possibilta li jsiru Digital Time tables ma' kull Bus Stop eżistenti.

9.1.4.

Għandu jigi studjat jekk hemmx xi 'Bus Stops' li qedgħin jikkawżaw

9.1.5. konġestjoni ta' traffiku u eventwalment jitressqu proposti konkreti għal fejn jistgħu jitmexxew.

9.1.6. Għandu jsir sforz sabiex b'konsultazzjoni mal-gvern, jiġu introdotti l-'Bus Shelters' ġodda u moderni.

9.1.7. Bi ftehim ma Transport Malta, għandha ssir kampanja ta nformazzjoni rigward ir-rotot li jkunu qed jgħaddu mill-lokalita'.

9.2. **Drittijiet tal-Konsumatur**

9.2.1. Il-konsumatur b'mod ġenerali għandu jkun nfurmat bid-drittijiet tiegħu meta jmur jixtri mill-ħwienet kif ukoll meta jkollu bżonn ta' xi servizz.

9.2.2. Għandhom jiġu organizzati laqgħat informattivi u dan għandu jsir bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Konsumaturi.

9.2.3. Għandu jiġi stampat materjal ta' informazzjoni bil-possibilta li jkun parti mir-rivista tal-Kunsill.

9.2.4. Għandhom jiġu organizzati attivitajiet f'Jum l-Konsumatur u f'Jum Dinji ta' l-Ikel. Dawn l-attivitajiet għandhom jiġu organizzati flimkien mad-

9.3 Dipartiment tal-Konsumatur u mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura rispettivament.

9.3.1.

**Drittijiet u Ħarsien tal-Annimali**

9.3.2. L-annimali għandhom jingħataw ukoll id-dinjita li tixirqilhom billi fost l-oħrajn għandna naraw li l-qtates li hemm fil-Ġnien Romeo Romano,

9.3.3. ikollhom kenn fil-forma ta' Santwarju.

9.3.4. Jiġu organizzati Dog Shows.

9.3.5.

Jiġi organizzat ukoll it-Tberik tal-Annimali

9.3.6. Noħolqu kampanja sabiex nippromovu l-indafa minn skużi ħmieġ tal-annimali speċjalment tal-klieb.

10.0

10.1. Jiġu identifikati postijiet sabiex eventwalment jiżdiedu aktar bins tal-klieb.

10.1.1 Jitwaħħlu stickers tal-qtates u tal-klieb fl-akwati li huma l-aktar suxxetibbli għal nuqqas ta' iġene.

10.1.2.

## Sotto Kumitat għal Edukazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi

### Edukazzjoni

10.1.3. Jorganizza korsijiet edukattivi varji għall-adulti, żgħażagħ u tfal fil-qasam tal-informatika u anke korsijiet mil-lat akkademiku.

10.1.4. Jindirizza l-problema ta' l-illitterizmu billi jiġu organizzati korsijiet bil-kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

10.1.5. Tiġi msaħħa l-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-iskejjel tal-lokalita'.

10.1.6. Jitqassmu kotba fi premijiet għal iskejjel

10.1.7. Jiġu organizzati korsijiet fil-ganutell, arkett, pittura u *flower arrangements* fost l-oħrajn.

Jiġu organizzati kwiżżes edukattvi

10.2.

10.2.1. Jiġu organizzati Crash Courses għal dawk l-istudenti li ikunu weħlu minn xi eżami partikolari.

10.2.2.

### Relazzjonijiet Pubbliċi

Joħroġ regolarment press releases skont il-ħtieġa

10.2.3. Jisfrutta l-opportunitajiet li joffru l-meżżi ta' komunikazzjoni u dawk ta' l-informatika

10.2.4 Joħroġ il-pubblikazzjoni l-"Akkwadott" b'mod regolari fejn permezz tagħha jgħati rendikont tal-ħidma li jkun qed iwettaq il-Kunsill Lokali.

▪

Jara li n-Noticeboards li għandna madwar il-lokalita' ikollhom l-aħħar
10.2.5 informazzjoni.

▪

Għandha terġa tiġi mnedija Website uffiċċjali tal-Kunsill li permezz tagħha żżomm kuntatt ħaj mar-residenti.

10.2.6

▪ Għandu jara li l-laqgħat tal-Kunsill eventwalment jiġu stremed live u dan ser jgħati l-faċilita lir-residenti li jsegwu l-laqgħat tal-Kunsill mill-kumdota
10.2.7 ta' djarhom.

▪

Għandu jsir skrutinju tal-gazzetti u jiġu mwieġba ittri jew stqarrijiet skont il-każ.

11.0.

**Proġetti Kapitali, Infrastruttura u MEPA**

11.1.

Jiġu identifikati dawk il-proġetti kapitali li għandu jwettaq f'dik is-sena
11.2. finanzjarja partikolari.

Jiġi esegwit ix-xogħol ta' dawk il-proġetti kapitali u jara li dawn jitwettqu
11.3. fil-perjodu miftiehem u skont il-livelli mixtieqa.

Jimpenja ruħu fost affarijiet oħra fuq il-proġett tar-Roundabout u jara li
11.4. l-istess proġett li ser ikun isir ikun ta' fejda għal komunita' Vendriża.

Għandu jsir patching regolari ta' dawk it-toroq li tagħhom huwa responsabbli l-Kunsill Lokali sakemm dawn ma ikunux ser isiru fil-futur
11.5. qarib.

Għandha ssir manutenzjoni tal-bankini kull fejn ikun meħtieġ.
Għandu jsir tindif regolari tal-culverts speċjalment qabel ma jidħol l-
11.6. istaġun tax-Xitwa.

Għandu jkun hemm kuntatt kontinwu mal-MEPA fuq irregolaritajiet li jistgħu jseħħu minn kuntratturi u żviluppatari li jkunu qed jaħdmu fil-
12.0. lokal minn żmien għal żmien.

12.1. **Għaqdiet**

12.2.

Għandu jiġi identifikat ir-rwol ta' kull għaqda fil-lokalita.

**12.3.** Kull talba li tiġi minn naħa tagħhom għandha tingħata l-attenzjoni li tixirqilha bil-possiblta li tiġi attwata.

Perjodikament għandhom jissejħu laqgħat billi-possibilta li jiġi ffurmat kumitat t'Azzjoni sabiex b'hekk ikun jista jsir ko-ordinament aħjar.